A.L. 13 ta' l-2005

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad ta' l-2004 għad-Diploma in Journalism - Dip. Journalism - taħt l-awspiċji taċ-Ċentru tat-Teknoloġija tal-Komunikazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord taċ-Ċentru tat-Teknoloġija tal-Komunikazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

Titlu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwwel Grad ta' l-2004 għad-Diploma in Journalism - Dip. Journalism - taħt l-awspiċji taċ-Ċentru tat-Teknoloġija tal-Komunikazzjoni.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord taċ-Ċentru tat-Teknoloġija tal-Komunikazzjoni;

"il-Bord ta' l-Istudji" tfisser il-Bord ta' l-Istudji maħtur għall-Kors;

"iċ-Ċentru" tfisser iċ-Ċentru tat-Teknoloġija tal-Komunikazzjoni;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Journalism - Dip. Journalism; u

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studji li jwassal għad-Diploma.

L-Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2003 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) L-applikanti jistgħu jiġu rreġistrati fil-Kors skond il-provvedimenti ta' dawn l-ordinamenti jekk ikunu eliġibbli għad-dħul fl-Universita' bħala studenti regolari skond ir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Universita'.

(2) L-applikanti li qed japplikaw għad-dħul skond is-sottoparagrafu (a)(iii) tal-paragrafu (2) tar-regolament 2 tar-Regolamenti għad-Dħul huma mitluba li jkollhom minimu ta' sena esperjenza fil-ġurnaliżmu u li fil-preżent ikunu qed jaħdmu ma' organizzazzjoni tal-pubblikazzjonijiet.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' sena akkademika ta' studju fuq bażi *full-time* jew sentejn fuq bażi *part-time*.

Il-Programm tal-Kors

5. (1) Il-Kors hu magħmul mill-komponenti li ġejjin, li għalihom ma jiġux assenjati anqas minn sittin kredtu:

taqsimiet studju fil-*Journalism Studies*
taqsimiet studju fil-*Media Studies*
taqsimiet studju komplementari
Esej Twil, Pjazzament, u taqsimiet studju sinottiċi.

(2) Biex ikunu eliġibbli għall-għoti tad-Diploma, l-istudenti għandhom jiksbu mill-anqas sittin kredtu, li jinkludu l-kredti kollha għat-taqsimiet studju obbligatorji.

L-Esej Twil

6. (1) L-istudenti huma meħtieġa jissottomettu Esej Twil ta' mhux anqas minn ħamest elef kelma u mhux aktar minn sebat elef kelma, sa mhux aktar tard mill-aħħar ġurnata tal-klassijiet fl-aħħar semestru tal-Kors.

(2) L-istudenti li jeħlu mill-Esej Twil jistgħu jitħallew jerġgħu jissottomettuh darba fi żmien perijodu ta' sitt xhur.

Il-Pjazzament

7. (1) Il-Pjazzament għandu jiġi valutat fuq bażi ta' Għadda/ Weħel.

(2) L-istudenti li jeħlu fil-Pjazzament jitħallew jirrepetuh darba fi żmien perijodu ta' sitt xhur.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

8. (1) Ir-riżultat finali għandu jqis il-livell milħuq mill-istudenti fil-komponenti kollha tal-Kors. Ir-riżultat finali għandu jiġi mwieżen kif ġej:

Taqsimiet Studju mgħallma, il-Pjazzament u l-Esej Twil	60%
It-Taqsimiet Studju Sinottiċi	40%.

(2) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.